(2) Sabiex jiġi ddeterminat jekk din hijiex provvista waħda, huwa rilevanti li n-nuqqas tal-lokatarju li jħallas is-somma dovuta għas-servizzi jippermetti lill-kerrej mhux biss li jirrifjuta li jipprovdi s-servizzi iżda wkoll li jħassar il-kuntratt ta' kiri mal-lokatarju?

(3) Jekk ir-risposta għad-domanda 1 tkun li l-possibbiltà li s-servizzi jiġi pprovduti minn partijiet terzi direttament lil-lokatarju hija rilevanti, din il-possibbiltà hija biss fattur kontributorju sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizzi humiex provvista ekonomika waħda indiviżibbli, b'tali mod li s-separazzjoni tagħhom tkun waħda artifiċjali, jew jekk humiex provvista aċċessorja tal-provvista prinċipali, jew hija fattur determinati? Jekk hija sempliċement fattur kontributorju jew, jekk ma hijiex rilevanti, liema huma l-fatturi l-oħra li huma rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizzi humiex provvista aċċessorja? B'mod partikolari, kemm huwa rilevanti li s-servizzi jitwettqu fil- jew fir-rigward tal-fond lokatizju li huwa s-suġġett tal-kiri, jew f'partijiet oħra tal-bini?

(4) Jekk il-possibbiltà li partijiet terzi jipprovdu s-servizzi hija rilevanti, huwa iktar importanti jekk is-servizzi jistgħux bħala kwistjoni legali jiġi pprovduti minn partijiet terzi, anki jekk dan ikun diffiċli fil-prattika sabiex jiġi organizzat jew miftiehem mal-kerrej, jew hija l-possibbiltà prattika jew il-prattika komuni fil-provvista ta' tali servizzi l-kunsiderazzjoni rilevanti?

(5) Is-servizzi fil-kawża preżenti jirrappreżentaw sensiela ta' servizzi pprovduti bil-ħlas ta' somma waħda dovuta għal dawn is-servizzi bħala korrispettiv. Fil-każ li wħud mis-servizzi (eż. tindif tal-partijiet komuni, provvista ta' servizzi ta' sigurtà) ma humiex parti mill-provvista ekonomika waħda indiviżibbli jew għandhom jitqiesu bħala aċċessorji tal-provvista priniċipali, iżda servizzi oħra huma, jista' jiġi ddeterminat il-korrispettiv totali bejn is-servizzi varji sabiex tiġi ddeterminata l-parti tal-korrispettiv li hija taxxabbli, u dik li ma hijiex? Jew inkella jkun korrett jekk is-sensiela ta' servizzi pprovduti jitqiesu bħala marbuta flimkien b'tali mod li jifformaw "provvista ekonomika waħda indiviżibbli, b'tali mod li s-separazzjoni tagħhom tkun waħda artifiċjali", li hija fiha nnifsiha provvista waħda separata mill-kiri tal-proprjetà?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-25 ta' Lulju 2011 — Autorità per l'energia elettrica e il gas vs Antonella Bertazzi et

**(Kawża C-393/11)**

(2011/C 282/28)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Autorità per l'Energia Elettrica e il Gas

*Konvenuti:* Antonella Bertazzi, Annalise Colombo, Maria Valeria Contin, Angela Filippina Marasco, Guido Giussani, Lucia Lizzi, Fortuna Peranio

### Domandi preliminari

(1) Abbażi tad-dispożizzjoni tal-klawżola 4(4) tal-Anness tad-Direttiva 1999/70/KE [1] (li tistabbilixxi li "kwalifiki ta' perjodu ta' servizz [anzjanità] relatati għall-kondizzjonijiet partikolari ta' l-impjieg għandhom ikunu l-istess għal ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] kif ukoll għal ħaddiema permanenti ħlief meta kwalifiki ta' tul ta' servizz differenti huma ġustifikati fuq bażi oġġettivi"), hija applikabbli — minħabba li hija ġġustifikata minn raġunijiet oġġettivi — id-dispożizzjoni nazzjonali (Artikolu 75(2), D.L. Nru 112/08) li xxejjen totalment l-anzjanità tas-servizz miksuba fi ħdan l-Awtoritajiet indipendenti taħt kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, f'każ ta' stabilizzazzjoni b'mod eċċezzjonali — b'deroga għall-prinċipju li jinsab fl-Artikolu 36(5), D.Lgs. Nru 165/01 — tal-ħaddiema kkonċernati, wara "eżamijiet ta' selezzjoni" li ma jistgħux jitqiesu bħala kompetizzjoni pubblika ordinarja bl-eżami (intiża sabiex il-funzjonijiet li għandhom jitwettqu jiġu fdati bl-aħjar mod lill-kandidati li jkunu għaddew), iżda li jippermettu, eċċezzjonalment, l-istabbiliment ta' dik li għandha titqies bħala relazzjoni ġdida tax-xogħol, b'effett "ex nunc"?;

(2) Min-naħa l-oħra, abbażi tal-istess Direttiva 1999/70/KE, huwa ammissibbli — bil-konsegwenza tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali — li jkun hemm nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mhux biss tal-anzjanità, iżda anki tal-avvanzi fil-karriera li jkunu seħħew matul is-snin u fis-seħħ fid-data tal-istabilizzazzjoni li seħħet, b'mod sħiħ jew fir-rigward tal-parti li taqbeż il-limiti kemm tal-anzjanità tas-servizz, mitluba sabiex jingħata aċċess għall-eżamijiet ta' selezzjoni inkwistjoni, kif ukoll tal-miżuri eventwali ta' salvagwardja, li l-leġiżlatur nazzjonali jkun awtorizzat li jħejji sabiex jipproteġi, b'mod raġonevoli, il-postijiet tal-kandidati li jkunu għaddew mill-kompetizzjoni?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fis-27 ta' Lulju 2011 — Proċeduri kriminali kontra Ciprian Vasile Radu

**(Kawża C-396/11)**

(2011/C 282/29)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Constanța

### Parti fil-kawża prinċipali

Ciprian Vasile Radu

**Domandi preliminari**

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u tal-Artikolu 6, flimkien mal-Artikoli 48 u 52, tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl ukoll tal-Artikoli 5(3) u (4), u 6(2) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, huma dispożizzjonijiet legali li jagħmlu parti mid-dritt Komunitarju primarju u li jinsabu fit-Trattati kostituttivi?

(2) L-azzjoni tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat li jeżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, li tikkonsisti fl-arrest u fil-konsenja furzata, mingħajr il-kunses tal-persuna li firrigward tagħha nħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew (bil-persuna rikjesta tiġi arrestata u kkonsenjata), tikkostitwixxi ksur, min-naħa tal-Istat li jeżegwixxi l-mandat, tad-dritt għal-libertà individwali tal-persuna rikjesta minħabba l-fatt li kienet arrestata u kkonsenjata, dritt dan iggarantit mid-dritt tal-Unjoni taħt l-Artikolu 6 TUE, flimkien mal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u taħt l-Artikolu 6, flimkien mal-Artikoli 48 u 52, tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl ukoll tal-Artikoli 5(3) u (4), u 6(2) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali?

(3) Il-ksur, min-naħa tal-Istat li jeżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, tad-drittijiet u tal-garanziji previsti fl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u fl-Artikolu 6, flimkien mal-Artikoli 48 u 52, tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl ukoll tal-Artikoli 5(3) u (4), u 6(2) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, għandu jissodisfa l-kundizzjoni marbuta man-neċessità f'soċjetà demokratika u dik marbuta mal-proporzjonalità fil-konfront tal-għan effettivament segwit?

(4) L-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat li jeżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew tista' tirrifjuta talba għal konsenja, mingħajr ma tonqos milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-Trattat kostituttivi u taħt dispożizzjonijiet legali oħra tad-dritt Komunitarju, minħabba li ma jkunux sodisfatti, b'mod kumulattiv, il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u mill-Artikolu 6, flimkien mal-Artikoli 48 u 52, tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl ukoll tal-Artikoli 5(3) u (4), u 6(2) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali?

(5) L-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat li jeżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew tista' tirrifjuta talba għal konsenja, mingħajr ma tonqos milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-Trattat kostituttivi u taħt dispożizzjonijiet legali oħra tad-dritt Komunitarju, minħabba nuqqas ta' traspożizzjoni totali jew parzjali jew minħabba traspożizzjoni żbaljata (fis-sens ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjoni ta' reċiproċità) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2002/584/ĠAI [1] min-naħa tal-Istat li joħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew?

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u tal-Artikolu 6, flimkien mal-Artikoli 48 u 52, tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl ukoll tal-Artikoli 5(3) u (4), u 6(2) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, li għalihom jagħmel riferiment l-Artikolu 6 TUE, jinsabu f'kunflitt mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea — ir-Rumanija — b'mod partikolari mat-Titolu III tal-Liġi Nru 302/2004, u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2002/584/ĠAI tinsab trasposta b'mod korrett b'dan id-dritt nazzjonali?

---

[1] Deċiżjoni Kwadu [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU L 18, 22.01.2009, p. 45).